## IT-TWAQQIF TAL-BANDA SAN PAWL U L-FUNDATUR TAGĦHA


Patri Ġann Franġisk Grima

IL-Fundatur u benefattur tal-Każin Banda"San Pawl", huwa Patri Ġann Franġisk Grima. Huwa twieled fil-20 ta' Lulju 1905 fir-Rabat t'Għawdex minn Gulliermu u Rosa Maria Pace. Fil-magħmudija tawh l-isem ta' Manuel. Daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Fraġiskani Minuri Konventwali fit-30 ta' Ottubru 1926 u beda n-novizzjat fis-7 ta' Novembru ta' l-istess sena f'Montevago Sqallija. Għamel il-Professjoni s-sempliċi fit 8 ta' Diċembru 1927 u dik Solenni fil-25 ta' Lulju 1930, f'Osimo, l-Italja. Ġie ordnat saċerdot fl-14 ta' Awissu 1932, f'Cinguli-Osimo.

Wara ftit taż-żmien li rritorna Malta, fl-1935, ġie mibgħut fil-Kunvent ta' San Pawl il-Baħar, fejn ħadem bla heda għal-ġid tal-poplu, bħala saċerdot, sal-1941. F'dawn is-snin hu kien l-id leminija għall-Kappillani, P.Gerardu Levanzin u P.. Dumink Gasparino. Mill-1942 sal-1953 kien kappillan tal-parroċċa u l-aħħar tlett snin, 1950-53, kien ukoll il-Gwardjan tal-Kunvent.

Bħala Kappillan għamel minn kollox biex iqajjem il-Parroċċa, kemm fil-ħajja reliġjuża, kif ukoll fil-ħajja soċjali.

L-ewwel għan ewlieni tas-saċerdot Fundatur kien dak li jwaqqaf u jiftaħ Ċentru Azzjoni Kattolika fil-parroċċa tiegħu ta' San Pawl il-Baħar. Il-ħsieb qaddis twettaq. L-inawgurazzjoni taċ-Ċentru Kattoliku saret fis-26 ta' Marżu 1946. Mistednin ewlenin kienu t-tobba Dutturi G. Bonavia u G. Caruana u s-Sinjuri F. Grech, I. Catania u F.X. Dingli. Fl-okkazzjoni tal-ftuħ ta' dan iċ-Ċentru Kattoliku saret ukoll iċ-Ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tas-Soċjeta' lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù minn Monsinjur Arċisqof Metropolitan Sir Michele Gonzi.

Fl-ewwel laqgħa ġenerali nħatar l-ewwel Kumitat maghmul mis-sinjuri R.P. Gann Franġisk Grima, Fundatur u President. Franċesco Dingli, Segretarju. Dr. Gpe Bonavia, Teżorier. Membri Dr. Gpe. Caruana, Fco. Grech u Joe Catania.

Fit-tieni laqgha tħejja l-istatut tar-regolmenti u minn Ċentru ta' l-Azzjoni Kattolika, awtomatikament sar Każin Soċjali fejn jiltaqghu l-ftit ħbieb ta' San Pawl il-Baħar iqattgħu

siegħa żmien flimkien bħal aħwa miġburin taħt saqaf wieħed flimkien mal-Missier Spiritwali, il-Kappillan tal-Parroċċa.

Ma damx ma nibet il-ħsieb li titwaqqaf Banda Mużikali sabiex b'riħitha aktar ikunu jistgħu jinġabru ħafna żgħażagħ u jitgħallmu l-arti sabiħa tal-Mużika. Dak li hu tajjeb u ta' ġid isir, din kienet il-fehma tal-Kappillan Fundatur. Bla xejn telf ta' żmien, patri Grima ħabbrek mal-Ġenituri taż-żgħażagħ ta' San Pawl il-Baħar sabiex jibgħatu 'l uliedhom fiċ-Ċirkolu Mużikali San Pawl jitghallmu l-mużika u jixtrulhom l-istrument. Sena wara, 21 ta' Marzu, 1947, il-banda San Pawl ġiet uffiċjalment reġistrata għand il-Kummissarju tal-Pulizija skond kif titlob il-liġi. U hekk, din is-Sede minn każin Soċjali sfat f'Ċirkolu Mużikali San Pawl intitolat għall-faċilitajiet u għajnuna tal-Gvern bħala Istitut ta' tagħlim, ta' edukazzjoni u ta' l-arti mużikali.


Mro. Emmanuele Gauci

L-ewwel Surmast Direttur tal-banda kien Mro. Emmanuele Gauci, raġel ta' l-arti, iħobbha u jqimha, għaliha jissagrifika butu u saħħtu. Huwa xtara l-mużika addattata u meħtiega; huwa saħaq kemm felaħ fuq l-alljevi bil-lezzjonijiet u l-kunċerti. Wasal iż-żmien inxtraw il-leġiji u nhar il-Festa tad-Duluri, Lulju 1948, f'San Pawl il-Baħar twettaq l-ewwel programm fost il-ferħ ta' kulħadd. Fis-16 t' Ottubru ta' l-istess sena, il-banda, mistiedna f'Burmarrad daqqet it-tieni programm, u minn dak in-nhar 'l hawn il-programmi ġewwa u barra San Pawl il-Baħar flok naqsu żdiedu b'mod li fl-1949, din il-banda tarbija wettqet 14 il-programm: 5 f'San Pawl il-Baħar, 2 Ħal-Qormi, 1 Ħal Lija, 2 il-Belt Valletta, 1 Għajn Tuffieħa, 1 Furjana, 1 Ħaż-Żebbuġ, 1 Rabat. Fl-1950, wettqet 5 programmi; 1951, 8 programmi; 1952, 12 il-programm. Veru kwadru sabiħ ta' attivita' Kulturali!

Is-Soċjeta ' Filarmonika San Pawl affiljat ruħha mal-"Malta Band Clubs Association" u fl-1948, bħala rappreżentant tagħha fil-Gran Kunsill ta' l-"Association" ħatret lis-Surmast Direttur Mro. Gauci.

Fl-1949, billi r-Rev. President bħala kappillan tal-parroċċa ma setax ilaħħaq mad-dmirijiet parrokjali tiegħu talab biex ikun eżentat mill-kariga tiegħu ta' President effettiv tal-banda. B'sogħba kbira tas-Soċjeta', it-talba ġiet aċċettata. F'din l-istess sena ġew maħturin Presidenti Onorarji ta' Soċjeta' l-Konti Professur Sir Luiġi Preziosi, in-Nobbli Baruni V. Chapelle u s-Sur Louis Bonaci u Soċju Onorarju s-Sur John Agius. Direttur Spiritwali r-R.P. Ġanfranġisk Grima O.F.M. u President effetiv in-Nobbli Dr. Jos. Montalto Attard dei Baroni Montalto L.L.D. ammiratur u benefattur tal-Banda.

Sabiex jinżamm kontroll u dixxiplina fuq l-alljevi u l-bandisti, infetaħ ktieb ta' l-attendenza għall-lezzjonijiet ta' l-alljevi u l-kunċerti tal-bandisti. Billi l-għadd ta' l-alljevi kiber ġmielu nhasset il-ħtieġa tal-ghajnuna u fis-19 ta' Frar, 1949 inħatar Assistent Surmast Mro. Paolo Tanti.

Patri Grima magħfus iżżejjed bix-xogħol tal-parroċċa, tal-Knisja u tal-kunvent ħtieġlu għad li kontra qalbu jinfatam ghal kollox mill-Banda u ċ-Ċirkolu u Direttur Spiritwali kif rikmandat minn Patri Grima laħaq iż-żagħżugħ Rev. Patri Gerardo Levanzin, Saċerdot mimli ħeġġa u ħerqa għall-ġid spiritwali u soċjali tas-Soċjeta' fdata lilu. Bħala apprezzament tas-servizzi tal-Promutur u Fundatur tas-Soċjeta' Filarmonika San Pawl, is-Soċjeta' organiżżat laqgħa soċjali f'ġieħ Patri Grima u b'sens ta' qima lejn il-persuna tiegħu irregalatlu arloġġ tad-deheb. Fl-1952, Direttur Spiritwali naraw lir-R.P. Rafel Gauci O.F.M. Con. J.C.,żagħżugħ saċerdot ieħor mimli bil-ħeġġa għall-ġid morali u soċjali tal-Banda u taċ-Ċirkolu tagħna.

Nħossuh dmirna ngibu hawn taħt biċċa minn taħdita tar-R.P. Grima li saret f'laqgħa ġenerali sabiex jingħażel il-Kumitat għas-sena 1949-1950:-
Ħbieb tiegħi, intom tinsabu hawn sabiex tagħżlu membri ġodda tal-Kumitat għas-sena li ġejja, xejn ma nirrakmandalkom ħlief biss, li tagħżlu membri, li jinteressaw rwieħhom għall-ġid tal-Banda... u ngħid tal-Banda, għax iċ-Ċirkolu mingħajrha mhu xejn... inżid ngħidilkom: Jekk hawn xi ħadd li ħareġ ghal membru tal-Kumitat u ma jħossux interessat għall-Banda jaqbel lilu u lis-Soċjeta' Filarmonika San Pawl li jirtira u jħalli l-wisa' lil ħaddieħor. Agħżlu kemm jista jkun membri li jgħammru fil-pajjiż (San Pawl il-Baħar) u tafu li dawn ikunu tassew ta' ġid lill-Banda u liċ-Ċirkolu Mużikali tagħna, San Pawl. Vera twissija ta' missier ta' esperjenza.

Patri Ġann Franġisk miet fl-10 ta' Lulju 1977, fl-isptar San Luqa. Il-funeral sar fil-Knisja ta' San Franġisk, fil-Belt Valletta u d-difna saret fiċ-Ċimiterju ta' San Pawl il-Baħar. Fl-10 ta' Settembru 1977, l-Arċisqof Emeritu, Mons. Mikiel Gonżi bierek bust ta' Patri Ġann Franġisk, fil-Każin tal-Banda San Pawl il-Baħar.

| PRESIDENTI | | SURMASTRIJIET | |
|---|---|---|---|
| 1946 - 1949 | Patri Gann Frangisk Grima | 1947 - 1950 | Emmanuel Gauci |
| 1949 - 1955 | Dr. Giuseppe Attard Montaldo | 1950 - 1967 | Salvinu Vella |
| 1955 - 1981 | Dr. Mario Sant Cassia | 1967 - 1981 | Amante Attard |
| 1982 - 1994 | John Bray | 1981 - | Charles Cachia |
| 1994 - | Paul Bugeja | | |